MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 164/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stephen Urry**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stephen Urry talli:

(1) Fit-18 ta’ Lulju 2000, f’Paola, ikkommetta serq ta’ mutur Yamaha, bin-numru tar-registrazzjoni FAI-358, ghad-detriment ta’ Eric Wadge minn Hal-Tarxien, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira (Lm100) izda mhux l-elf lira (Lm1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

(2) Fil-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ Lulju 2000, fil-Fgura ikkommetta serq ta’ mutur Yamaha bin-numru tar-

registrazzjoni FAG-117, ghad-dannu ta’ Darren Camilleri mill-Fgura, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitt lira (Lm100) izda mhux l-elf lira (Lm1000) u bix-xorta tal-haga misruqa;

(3) Fit-2 ta’ Lulju 2001, f’xi hin wara nofs inhar, f’Hal-Tarxien saq mutur tal-ghamla Yamaha, minghajr numru tar-registrazzjoni, meta dan ma’ kienx registrat mall-Kummissarju tal-Pulizija u ma’ kienx kopert b’licenzja jew polza tal-assigurazzjoni;

(4) Fit-3 ta’ Lulju 2001, jew fix-xhur ta’ qabel, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` ta’ diversi bicciet ta’ muturi;

(5) Fit-3 ta’ Lulju 2001, u fix-xhur ta’ qabel, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi hassar in-numru tas-serje tal makna u tal-frame tal-mutur Yamaha, bin-numru tar-registrazzjoni FAI-358 liema mutur gie mehud mill-pussess tieghu fit-3 ta’ Lulju 2001;

(6) Fit-3 ta’ Lulju u fix-xhur ta’ qabel, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi hassar in-numru tas-serje tal-makna u tal-frame tal-mutur Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAI-358, liema mutur gie mehud mill-pussess tieghu fit-3 ta’ Lulju 2001;

(7) Fil-11 ta’ Settembru 2001, u fix-xhur ta’ qabel f’Rahal Gdid u fi bnadi ohra f’Malta, f’hinijiet differenti, kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma’ kienx awtorizzat kif imiss, liema medicina kienet fil-pussess tieghu f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(8) Fil-11 ta’ Settembru 2001 u fix-xhur ta’ qabel, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, fil-fond ‘Marbet House’, Triq L-Isqof Pietru Pace, Rahal Gdid, zamm fil-

pussess tieghu munizzjon li kien jikkonsisti f'bullets ta' diversi tipi u skratac tal-kacca;

(9) Fl-24 ta' Frar 1998 jew fil-jiem ta' qabel fil-Kalkara, ikkommetta serq ta' mutur Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAU-183, ghad-dannu ta' Mario Azzopardi, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitt lira (Lm100) izda mhux l-elf lira (Lm1000) u bix-xorta tal-haga misruqa;

(10) Fl-10 ta' Dicembru 2000 jew fil-jiem ta' qabel fl-Isla, ikkommetta serq ta' mutur Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAR-248 ghad-dannu ta' Robert Barbara liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitt lira (Lm100) izda mhux l-elf lira (Lm1000) u bix-xorta tal-haga misruqa;

(11) Fil-11 ta' Settembru 2001, jew fix-xhur ta' qabel, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` ta' diversi bicciet ta' muturi;
(12) Fil-11 ta' Settembru 2001, u fix-xhur ta' qabel, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi hassar in-numru tas-serje ta' makni Yamaha, li kienu fuq il-muturi Yamaha bin-numri tar-registrazzjoni FAU-183 u FAR-248 ghad-dannu ta' Robert Barbara mill-Isla u Mario Azzopardi mill-Kalkara;

(13) Fil-11 ta' Settembru 2001, u fix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu arma regolari u bil-ponta meta ma' kellux licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Lulju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Stephen Urry hati tal-imputazzjonijiet kollha salv is-seba'(7) u l-hdax (11) il-wahda, mil-liema zewg imputazzjonijiet illiberatu, u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn ghall-imputazzjonijiet kollha li taghhom sabitu hati. Inoltre

ordnat li l-oggetti kollha esibiti f'dawn l-atti in konnessjoni mal-imputazzjonijiet li taghhom l-appellantat (allura imputat) instab hati, jigu konfiskati favur il- Gvern ta' Malta, ma laqghetx it-talba tal-prosekuzzjoni ghad-distruzzjoni tal-pilloli stante li l-appellant ma nstabx hati ta' l-imputazzjoni ta' pussess ta' medicinali, u rrakkommandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, sabiex l-istess appellant jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jindirizza l-problemi akuti li ghandu dwar l-abbuz tad-droga;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Stephen Urryipprezentat fl-4 ta' Awwissu 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha moghtija salv ghas-seba' (7) u l-hdax (11) il-wahda, u tvarja l-istess sentenza billi billi tipprovdi ghal piena alternattiva;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet id-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena wara ammissjoni ta' l-appellant ta' l-imputazzjonijiet kollha salv is-seba' wahda. Kwantu ghall-ammissjoni, din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Attard** moghtija fis-26 ta' Mejju 2004 qalet hekk:

*"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilta` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena*

*nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."*

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi wahda eccessiva u jelenka numru ta' lmenti:

L-ewwel ilment ta' l-appellant huwa li ma kellux jigi penalizzat minhabba li ma kienx hemm ammissjoni bikrija. Jghid li d-difiza kienet propensa tirregistra tali ammissjoni fil-bidu nett purche` li l-prosekuzzjoni tirtira s-seba' imputazzjoni peress li din ma kinitx tirrizulta; fil-fatt kellu ragun ghaliex ma nstabx hati ta' din l-imputazzjoni.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tas-sentenza appellata, minn imkien ma jirrizulta li l-ewwel Qorti kkummentat dwar il-fatt li ma kienx hemm ammissjoni bikrija. Ghalhekk l-appellant ma jistax jargumenta li gie penalizzat ghax ma ammettiex fi stadju bikri tal-process. Fi kwalunkwe kaz, huwa assodat fil-gurisprudenza taghna li ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. Inoltre, minn ezami li din il-Qorti ghamlet ta' l-atti tal-kawza, minn imkien ma tirrizulta l-propensita` tad-difiza li tammetti fil-bidu nett ta' dawn il-proceduri. Fl-ewwel seduta, dik tal-25 ta' Jannar 2002, skond il-verbal relattiv[1] l-avukat difensur tieghu ma deherx u meta sarlu l-interrogatorju[2] l-appellant wiegeb, minghajr ebda rizerva, li ma kienx hati. Inzammu mbaghad disa' seduti sabiex jigu finalizzati l-provi tal-prosekuzzjoni, u fl-ebda wahda minnhom, nonostante l-prezenza tad-difensur ta' l-appellant, ma nghata hjiel tal-pozizzjoni tad-difiza. Wara, il-kawza giet differita sitt darbiet ghall-provi tad-difiza, izda inutilment, u kien biss fis-seba' seduta li saret dikjarazzjoni li l-appellant ma kienx ser iressaq provi[3]. Fis-seduta sussegwenti, dik ta' l-14 ta' April 2004, saret talba ghal PSIR u giet registrata ammissjoni ta' l-imputazzjonijiet kollha ta' serq. Fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2004, wara li gie esebit il-PSIR, l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet kollha salv dik ta' droga u

[1] A fol. 4.
[2] A fol. 9.
[3] A fol. 213.

ddikjara li jrid jaghmel programm. Jigifieri l-appellant dam aktar minn sentejn biex jirregistra l-pozizzjoni tieghu. Ghalhekk ghal din il-Qorti jidher li dan kien kaz *"**where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (**Hollington **(1985) 82 Cr. App. R. 281;** Okee **[1998] 2 Cr. App. R. (5) 199)"***, f'liema cirkostanza *"**the discount may be refused or reduced"*** [Ara **Blackstone's Criminal Practice 2001** (para. E1.18 pagna 1789)].

It-tieni lment ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti setghet giet zgwidata meta kkummentat fis-sentenza taghha li kienet rat li l-appellant "ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu ghax fil-fatt rega' kiser dufrejh mal-ligi". Jghid li mill-process ma jirrizultax li huwa kkommetta xi delitt iehor wara li tressaq il-Qorti. U l-fedina penali tieghu[4] turi li fil-passat instab hati darbtejn biss fuq kontravvenzjonijiet; dawn ma jistghux jigu kkunsidrati ghall-finijiet ta' recidiva.

Din il-Qorti tistqarr li mhuwiex car ghal xhiex kienet qed tirreferi l-ewwel Qorti f'dan il-paragrafu. Jista' jaghti l-kaz li kienet qed tirreferi ghaz-zewg okkazjonijiet imsemmijin fil-fedina penali ta' l-appellant li kellha quddiemha (Dok. CSM1 a fol. 6) li, ghalkemm kienu jirrigwardaw reati ta' anqas portata, xorta kienu jirrigwardaw ksur tal-ligi li jirrikjedu li l-appellant jghaddi minn proceduri kriminali fil-Qorti u li ma kinux bizzejjed ghalih biex jitghallem li ma jistax jippretendi li jikser il-ligi b'impunita`. M'hemm l-ebda dubju pero` li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx dawn iz-zewg reati ghall-finijiet ta' recidiva. Difatti l-appellant ma giex akkuzat ukoll li sar recidiv. Barra minn hekk mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri, b'sentenza tat-23 ta' Settembru 2004 huwa nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' pussess tad-droga eroina fit-13 ta' Marzu 2001 u matul l-ahhar xhur qabel dik id-data. Kull kumment iehor ikun superfluwu!

It-tielet ilment jirrigwarda n-nuqqas ta' l-ewwel Qorti li tqieghed lill-appellant taht *probation* wara r-

[4] A fol. 6 (mhux fol. 117 kif jghid l-appellant firf-rikors ta' appell tieghu).

rakkommandazzjonijiet li saru fil-PSIR. Jghid li ghalkemm il-fatt li persuna tkun dipendenti fuq id-droga mhuwiex xi skuzanti ghas-serq, din il-konsiderazzjoni f'certi cirkostanzi ghandha tinduci lill-Qorti sabiex tipprovdi ghal piena alternattiva li twassal ghar-rijabilitazzjoni tal-persuna koncernata, u dan aktar u aktar fejn persuna tista' titqies bhala *first time offender*.

Fil-PSIR li gie pprezentat fit-2 ta' Gunju 2004, gie suggerit mill-*probation officer* Miriam Sevasta li ghandha tigi ndirizzata l-problema tad-droga li ghandu l-appellant, u li huwa jibda jkollu kuntatt regolari ma' agenzija li toffri servizzi kontra l-abbuz tad-droga sabiex b'hekk jinghata kull ghajnuna mehtiega. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, tul il-kaz l-appellant ma talab ebda ghajnuna sabiex jindirizza l-problema ta' droga u dan sar biss waqt l-ahhar seduta waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Din il-Qorti tosserva li lanqas f'dan l-istadju ta' l-appell ma ngabet xi prova jew saret xi sottomissjoni fis-sens li l-appellant ghamel xi haga biex jindirizza din il-problema u l-uniku kuntatt li jirrizulta li ghandu, almenu kif indikat fil-PSIR, huwa mad-Detox Centre ghall-*methadone*. Dan certament mhuwiex bizzejjed biex l-appellant jissupera l-problema ta' l-abbuz tad-droga. U kif korrettement jghid fir-rikors ta' appell tieghu, l-abbuz tad-droga mhuwiex xi skuzanti ghas-serq, u, izzid tghid din il-Qorti, lanqas ma hu xi attenwanti. U hawn si tratta ta' serq ta' mhux anqas minn erba' muturi (wiehed fi Frar 1998, tnejn f'Lulju 2000 u iehor f'Dicembru 2000), minbarra diversi reati ohra. Is-serq huwa reat serju u, minhabba l-frekwenza tieghu, irid jigi ttrattat bid-debita severezza. Ghalhekk fil-kaz in ezami, fejn l-appellant s'issa ma tax indikazzjoni konkreta li huwa determinat ibiddel hajtu, hija indikata piena karcerarja.

Fl-ahharnett, minn ezami li ghamlet din il-Qorti tad-disposizzjonjiet relattivi tal-ligijiet applikabbli, jirrizulta li l-piena ta' sentejn prigunerija li giet inflitta mill-ewwel Qorti mhux biss taqa' sew fil-parametri tal-ligi izda sahansitra tmur taht il-*minimum*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier inkluz f'dik il-parti fejn irrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti lill-appellant l-ghajnuna kollha mehtiega biex jinserixxi ruhu fi programm ta' rijabilitazzjoni minhabba l-problema tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------